**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridone Zammit)**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**Vs**

**Carlos Lean Schembri**
**Omissis**

Illum 3 ta' Mejju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carlos Lean Schembri, detentur ta' karta tal-identita' 97398(M) u Omissis

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjooni wahda, u cioe':

Talli fil-lejl ta' bejn it-tlettax u l-erbatax ta' Novembru 2016 waqt li kienu fit-Triq Lorenzo Gonzi Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer ikkomettew serq ta' 'diesel' u/jew oggetti ohra minn vettura Toyota numru tar-registrazzjoni EAV384 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Duncan Darmanin minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fil-lejl ta' bejn it-tnax u it-tlettax ta' Novembru 2016 waqt li kienu fit-Triq Lorenzo Gonzi Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' diesel u/jew oggetti ohra, minn vettura Toyota numru tar-registrazzjoni EAV384 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Duncan Darmanin minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fil-gimghat precedenti qabel it-tnax ta' Novembru 2016 f'xi hinijiet bil-lejl waqt li kienu fit-Triq San Patrizju B'Bugia u/jew f'dawn il-gzejjer ikkomettew serq ta' 'diesel' u/jew oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Leyland numru tar-registrazzjoni BBP772 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Anthony Ellis mix-Xewkija Ghawdex u/jew persuni ohra u/jew entitajiet/kumpaniji ohra.

Ukoll talli fil-gimghat precedenti fl-istess perjodu f'xi hinijiet bil-lejl waqt li kienu fl-inhawi ta' Marsaxlokk, Wied il-Ghajn u jew postijiet ohra f'dawn il-gzejjer ikommettew serq ta' 'diesel' u/jew oggetti ohra minn vettura ta' ghamla u sid taghha mhux maghruf/in liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' persuna/i u/jew entitajiet/kumpaniji ohra mhux maghrufa.

Ukoll akkuzati talli fl-istess cirkustanzi f'dawn il-gzejjer xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom liema oggetti cioe' ammont ta' 'diesel' u /jew oggetti ohra li kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-x+orta tal-haga misruqa.

Ukoll talli fl- 14 ta' Novembru 2016 ghal habta ta' 10am gewwa Hal-Tarxien instabilhom grinder tal-ghamla Dewalt minn go vettura tal-ghamla Peugeot numru tar-registrazzjoni BCA013 liema ghodda hija tajba ghal ftuh, jew sgassar ta' serraturi minghajr ma' taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandhom f'dawn iz-zminijiet.

**<u>Carlos Lean Schembri wahdu hu akkuzat:</u>**

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda talli f'dawn il-gzejjer fl-14 ta' Novembru 2016 u xhur precedenti saq vettura tal-ghamla Peugeot 607 numru tar-registrazzjoni BCA013 minghajr licenzja tas-sewqan u b'hekk ma kienx kopert ghal riskju ta' terzi persuni.

Ukoll talli fix-xahar ta' Lulju 2016, f'dawn il-gzejjer saq vettura tal-ghamla Mercedes numru tar-Registrazzjoni TOM190 minghajr licenzja tas-sewqan, u b'hekk ma kienx kopert ghal riskju ta' terzi persuni.

Akkuzat ukoll talli fix-xahar ta' Lulju 2016 u/jew zminijiet qabel fit-Triq San Tumas Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' Mercedes Benz numru tar-registrazzjoni TOM190, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disa u ghoxrin ewro 2329.37 ewro u sebgha u tletin centezmu, mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad detriment ta' Anthony Tanti, Pierre Cremona u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet u/jew kumpaniji ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi f'dawn xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u cioe` laqa ghandu vettura Mercedes numru tar-registrazzjoni TOM190 u /jew oggetti ohra.

Ukoll talli fil-lejl tad-19 ta' Ottubru 2016 minn gewwa hanut tal-laham 'Prime Limited' li jinsab gewwa Triq l-Ingiered, Marsa u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oggetti ohra liema valur jeccedi €116.52 izda ma jeccedix l- €2329 ghad-detriment ta' John Muscat, Prime Limited u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-persuna.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe ghamel hsara fuq ghamara u/jew oggetti ohra liema hsara teccedi l- €250 izda ma teccedix l- €2500 ghad-detriment ta' John Muscat, Prime Limited u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U b'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat il-pre-sentencing report redatt mill-Ufficjal tal-Probation.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation.

Semghet lill-partijiet jitrattaw dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena l-Qorti tqis li f'dan l-istadju ghandha tirreferi ghal xi gurisprudenza  sabiex tikkunsidra x'piena ghandha tigi erogata.

Illi in linea generali jibda biex jinghad *li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena*[1].

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru, 2006

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.Illi pero c-cirkostanzi ta' kull kaz tant jistghu ikunu partikolari li l-piena prospettata mill-legislatur, anke fil-minimu taghha, ma sserviex biex jintlahaq dak il-bilanc fuq imsemmi. Il-Qorti fil-fatt ghandha l-fakolta li fid-diskrezzjoni taghha, u fejn il-Ligi ma teskludiex l-ezercizzju ta' din il-fakolta, teroga piena li tkun taht il-minimu preskritt fil-ligi.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta'sentenza (ta' prigunerija) tigi sospiza ghal perjodu ta' zmien u, jekk ikun opportun, din is-sospensjoni tista' ssir taht certu kundizzjonijiet, inkluz ordni ta' supervizzjoni u ordni ta' trattament.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[2] dik il-Qorti (anke b'referenza ghas-sentenza taghha stess moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Anthony Wood[3]) qalet hekk:

*"Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant: "Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009
[3] Deciza fit-23 ta' Settembru 1994.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Annabelle Camilleri**[4] gie ritenut:

*"Il-Qorti rat diversi kazijiet decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kwistjonijiet simili gew dibattuti u decizi. Hekk per ezempju fil-kaz : "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly u Justin Farrugia" deciza nhar id-9 t'Ottubru 2008, minkejja l-fatt li l-imputati kienu specifikament mixlija li kkommettew ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati, u li huma ammettew ghall-istess imputazzjoni, il-Qorti tal-Magistrati kienet qeghdithom taht ordni ta' probation; filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat din l-ordni ta' probation fil-konfront ta' Rittmar Hatherly filwaqt li hassritha fil-konfront ta' Justin Farrugia minhabba li dan wera bic-car li ma riedx joqghod ghall-ordnijiet tal-Probation Officer assenjat lilu.*

*Principju simili gie ribadit aktar ricenti fil-kawza fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs Andrew Formosa" decia nhar l-20 ta' Mejju 2011 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali konfrontata b'sitwazzjoni simili ghal dik in disamina fejn il-Prosekuzzjoni ma imputatx il-ksur tal-kundizzjonijiet jew talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet li tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, minkejja li l-Qorti tal-Magistrati kienet mhux biss sabitu hati, talli kienet ukoll applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Biss il-Qorti tal-Appell Kriminali hasset li l-imputat, ukoll ghar-ragunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Hatherly hawn fuq imsemmija, kellu jibbenefika minn ordni ta' probation, minkejja dak misjub fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Benjamin Farrugia,** il-Qorti tal-Appell Kriminali[5] qalet hekk:
*"Kif qalet il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Ritmar Hatterley et tad-9 ta' Ottubru 2008, "Anki fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija ...". Il-Qorti hija sodisfatta illi fil-kaz tal-appellant tfacca dan il-"window of opportunity" u zgur li mhux se tkun il-Qorti illi se taghlaq din it-tieqa ta' opportunità u ma taghtix lill-appellant jibbenefika minn dan il-progress illi s'issa immanifesta fil-mori ta' dan l-appell. Fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-Avukat Generali gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi l-appellant hu*

[4] Deciza fil-25 ta' Marzu, 2014
[5] Deciza fis-26 ta' Frar, 2015

*addebitat ukoll bi ksur tal-probation moghtija milll-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Frar 2013.*

*Ikkunsidrat:*

*L-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta dan il-fatt u din il-Qorti hija konxja tar-responsabiltà taghha meta tigi infaccata ma' persuna illi tkun digà kisret ordni ta' probation. Però l-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq imsemmija qalet ukoll, "issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-adocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-bandu l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap 446 ...".*

*Ghalhekk il-Qorti b'sens ta' fiducja u ottimizmu se terga' taghmel dan u tpoggi lill-appellant taht perjodu ta' probation sabiex jigi segwit professjonalment u jassigura illi dan il-progress illi ghamel s'issa jibqa' ghaddej u l-appellant ma jergax jaqa' fil-vizzju illi gabu f'tant inkwiet."*

Din il-Qorti hasbet fit-tul biex tasal ghal piena li ghandha tigi erogata. Dan billi ma tqisx li ghandha timminimizza n-natura tar-reati mwettqa mill-imputat li huwa sahansitra addebitat bir-recediva. Tqis ukoll li l-imputat, anki kif jirrizulta mix-xhieda tal-ufficjal tal-probation, ghalkemm qieghed jikkopera ghad fadal hafna xoghol xi jsir mieghu. Irrizulta wkoll li recentement l-imputat sab impjieg regolarizzat.

Tenut kont ta' dawn ir-rizultanzi kollha l-Qorti tqis li f'dan il-kaz m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ghandha tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation; kif ukoll, tpoggih taht ordni ta' trattament.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 20, 49, 50 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(2)(3), 279(b), 280(2), 287, 325(1)(b) u 334(a) tal-Kodici Kriminali, u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-

applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin bl-intiza li jkompli jahdem biex jeghleb il-vizzju tad-droga u ghal ghajnuna psiklogika.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza u tal-atti lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**